MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1211/2005

**Avviz Numru 1211/05 AJD**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mario u Marthese konjugi Gellel**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Gunju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u hdax –il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm111.78), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21446061 skond kif jirrizulta minn Dokumenti A, u B annessi ma' l-Avviz.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarmenti notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u hdax –il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm111.78), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------